# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 604/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Bertram Zahra**

Illum 24 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Bertram Zahra**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 340390(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar is-17 ta' Settembru 2021 għall-ħabta ta' 00:15hrs u fis-siegħat u/jew fil-ġranet ta' qabel ġewwa Żabbar u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:

1. ikkaġuna lil konjuga u ċioè Joanne Debono li tiġi omm bintu Jade, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-preżenza tal-imsemmija minuri, tali delitti

relatati twettqu bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u ripetutament;

2. ikkaġuna lil konjuga u ċioè Joanne Debono li tiġi omm bintu Jade, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha fil-preżenza tal-imsemmija minuri, tali delitti relatati twettqu bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt u ripetutament;

talli fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2021 u s-17 ta' Settembru 2021, ġewwa Żabbar u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

3. volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal inqas minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu ta' Joanne Debono;

4. permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Joanne Debono, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

5. insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Joanne Debono;

6. għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Joanne Debono, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

7. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali;

8. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D., f'dan li bih ingħata l-ħelsien

mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettiex reat ieħor;

9. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak LL.D., f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettiex reat ieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u tordna l-arrest mill-gdid tiegħu u/jew tordna li s-somom marbuta jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll titratta lill-imputat bħala persuna reċidiva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll toħrog Ordni ta' Protezzioni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra l-imputat a benefiċċju ta' Joanne Debono u l-familjari tagħha u dan *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

II-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuni ta' Joanne Debono jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat billi tapplika Artikolu 382A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nniffsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikolu 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti:

- filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni,

- wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 202(h)(iv)(v)(vi), 251A, 251B, 251Ċ, 251H(a)(d)(f), 251HA, 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(e) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni u kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva u kkundannatu sentejn priġunerija;

- għall-fini ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

    - ordnat il-konfiska parzjali tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Wayne Camilleri) vs. Bertram Zahra** fid-digriet tat-8 ta' Awwissu 2019 (Dok. "EH 7") fis-somma ta' sitt elef Euro (€6,000) u laqgħet it-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti fl-istess digriet imsemmi u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati;

    - ordnat il-konfiska tal-ammont stabbilit għall-ħelsien mill-arrest fid-digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Melvyn Camilleri) vs. Bertram Zahra** fid-digriet tat-12 ta' Diċembru 2019 (Dok. "EH 11") fis-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) u laqgħet it-talba għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti fl-istess digriet imsemmi u għall-arrest mill-ġdid tal-ħati;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf, seba' mija u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€1,753.28) rappreżentanti l-ispejjeż

imħallsin lill-esperti maħturin fil-proċeduri[1] fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Joanne Debono għal żmien sentejn mid-data tas-sentenza;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat biex jingħata trattament psikoloġiku biex jikkontrolla r-rabja, l-kura għall-kundizzjoni ta' l-ADHD, u l-għajnuna meħtieġa biex jegħleb il-vizzju tad-droga;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat sabiex iħallas lil Joanne Debono s-somma ta' seba' mija u wieħed u disgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€791.20) li hija s-somma li ġiet stabbilita bħala kumpens għall-ħsara kkaġunata lill-istess Joanne Debono b'riżultat tar-reat taħt Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie kommess għad-detriment tagħha b'dan illi din l-ordni kellu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

- ordnat li tintbagħat kopja tas-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* u *Parole* u lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu konjizzjoni tal-Ordni ta' Trażżin;

- ordnat li tintbagħat kopja tas-sentenza lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-ordni minnha mogħti taħt Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-ordni tal-konfiska taħt Artikolu 579(2) tal-istess Kapitolu.

[1] "Dr. Mario Buttigieg (€912.38) Dok. "MB 1" u Keith Cutajar (€840.90) Dok. "KC"."

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Frar 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fit-3 ta' Frar 2025 mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello, u filwaqt li tikkonferma fejn sabitu ħati tal-akkużi numru 1, 2, 3, 6 u 7, tilliberah mill-akkużi numru 8 u 9, kif ukoll tilliberah minn dak li l-Ewwel Qorti sejħet l-addebitu tar-reċidiva, u tipprovdi għal piena aktar mita u idoneja fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-10 ta' Marzu 2025.

Semgħet, fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2025 (*a fol.* 589 *et seq.*), lill-konsulent legali tal-appellant jirtira t-talba tal-appellant li ġiet verbalizzata fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2025 (*a fol.* 555 *et seq.*) fejn insista għat-talba msemmija fir-Rikors tal-appell tiegħu sabiex din din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 539) u għaldaqstant din il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba msemmija.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-3 ta' Frar 2025.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jitlob li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni, tilliberah mit-tmien (8) u mid-disa' (9) imputazzjoni u kif ukoll mir-reċidiva. Huwa jitlob li din il-Qorti tipprovdi għal piena aktar mita u idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw vjolenza domestika fejn l-appellant u l-*parte civile* Joanne Debono kienu f'relazzjoni, minn liema relazzjoni għandhom wild. Jidher li wara li l-*parte civile* temmet ir-relazzjoni mal-appellant, qam argument fejn l-appellant allegatament kisser ħafna affarijiet. Għalhekk il-*parte civile* telqet mid-dar. Sussegwentement qam inċident ieħor fejn l-appellant ried li t-tifla torqod għandu iżda din ma riditx u ftehmu li kellu jkollu aċċess għat-tifla l-għada iżda baqgħu ma ftehmux fuq il-ħin. F'dak il-mument il-*parte civile* marret lura l-post fejn toqgħod u l-appellant beda' jċemplilha u beda jgħidilha li kien nieżel Marsaskala. X'ħin waslet id-dar għal raġunijiet varji hija sabet lill-appellant mal-vettura tagħha fejn huwa talabha lil minn kienet qed tibgħat messaġġi. F'dan il-punt l-appellant ħadilha l-*mobile* u wara diskussjoni hu telaq bil-*mobile* tal-*parte civile* u sussegwentement garah min-naħa l-oħra tat-triq b'dana li nkisirlu l-i*screen*. Wara l-appellant ta daqqa fuq il-vettura u saħansitra xaqqaq il-*windscreen* tal-vettura tal-*parte civile*.

Illi min-naħa tiegħu, fl-istqarrija rilaxxata minnu l-appellant jaqbel li kien iċempel lill-*parte civile* biex jiftiehem fuq it-tifla iżda ċaħad li kien għamel il-ħsara fuq il-vettura tal-*parte civile.*

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment ikun opportun li tinnota li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta'

> analiżi u tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.
>
> Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Risposta tiegħu għar-Rikors tal-appell tal-appellant, l-Avukat Ġenerali jressaq <u>eċċezzjoni preliminari</u> fejn fiha huwa jitlob in-nullita' tas-sentenza appellata u dana fir-rigward tal-formalitajiet rikjesti f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar din l-eċċezzjoni u mbagħad tipproċedi skont il-każ.

Illi fl-eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-Avukat Ġenerali jisħaq li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant hija waħda żbaljata fil-prinċipju. Jgħid li kemm fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet kif ukoll fil-parti tad-*decide* tas-sentenza appellata, intqal għal darba, darbtejn li l-appellant instab ħati tar-reat ta' fastidju, tar-reat tal-ksur ta' kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest u kif ukoll talli volontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Joanne Debono u dan minbarra s-sejbien ta' ħtija tar-reat ta' biża' ta' vjolenza. Huwa jagħmel riferenza għal Artikolu 17(b) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li l-Ewwel Qorti ħadet biss in konsiderazzjoni l-piena għar-reat l-aktar gravi u ma qisitx l-addebitu tar-reċidiva. Jisħaq li dan iwassal għal nuqqas *ai termini* ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi magħdud ma' dan, Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġġi piena ta' bejn erba' (4) xhur sa sentejn priġunerija. Anke kieku l-Avukat Ġenerali kellu raġun fil-kalkoli tiegħu, dan ma jwassalx għan-nullita' tas-sentenza appellata stante li l-Ewwel Qorti ndikat il-piena li hija erogat, liema piena hija maħsuba fil-liġi u ma teċċedix dak li tistabbilixxi l-istess liġi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paolo Mercieca** (Numru 128/2020), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Id-difiża argumentat li minn qari ta' dan l-Artikolu għandu jirriżulta illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx korretta meta – ladarba sabet ksur ta' kundizzjoni – ordnat biss il-konfiska tad-depożitu u mhux ukoll tal-garanzija u għalhekk tali sentenza hija nulla ġialadarba l-piena erogata ma tirriflettix dak illi titlob il-liġi.
>
> Ikkunsidrat
>
> [...]
>
> Jingħad li hu meħtieġ li fis-sentenza tagħha l-Qorti tiddikjara ħtija ta' reati partikolari u wara tgħaddi biex tagħti l-piena idonea għal dawk ir-reati li instab ħati tagħhom. B'hekk il-Qorti trid tindika r-reati li tagħhom qed tinstab ħtija u tati l-piena għal dawk ir-reati li tagħhom instab ħati wara li ssemmi l-artikoli tal-liġi appositi.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) vs. Joseph Agius'**[2] fejn ingħad li:

*………Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi tagħti l-fatti li tagħhom l-appellant ikun ġie misjub ħati, tfisser illi għandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' ħtija għax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' ħtija twassal għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali bħal ma wkoll hija suġġetta għal-istess ċensura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkużat qed jinstab ħati.*

*Għalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief illi tilqa' dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jiġu rimandati lill-Ewwel Qorti sabiex tingħata sentenza skont il-liġi."*

[...]

Illi fil-każ odjern jidher li s-sitwazzjoni hija ftit jew xejn differenti u dan għaliex l-appellant kien akkużat b'reat wieħed u nstab ħati ta' dan l-istess reat u ngħata l-piena kontemplata fil-liġi għal tali ksur. Il-kwistjoni tal-konfiska tal-flejjes mogħtija bħala depożitu jew garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta ma tifformax parti mill-piena. Din hija ċirkostanza li għandha ssegwi fejn il-Qorti m'għandhiex diskrezzjoni una volta ssib ħtija. Għalhekk il-fatt li l-Ewwel Qorti naqset li tordna l-konfiska tal-flejjes li l-appellant kien intrabat li jħallas permezz ta' garanzija personali una volta jikser l-ordni tal-liberta' proviżorja ma għandux iwassal għan-nullita' o meno tas-sentenza. Jista' jagħti każ li hija deċiżjoni żbaljata pero' żgur li ma twassalx għan-nullita' tas-sentenza. Din m'hiex każ fejn l-Ewwel Qorti għaddiet

---

[2] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru 171/2011)."

> biex tagħti piena mhux imsemmija fil-liġi jew li tagħti multa in eċċess minn dak stabbilit mil-liġi. Hija kwistjoni fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ma tordnax skwalifika tal-flejjes li ngħata bħala garanzija personali mill-appellant meta ngħata l-liberta' proviżorja. Din hija sitwazzjoni simili fejn l-Ewwel Qorti ssib ħtija ta' sewqan perikoluż u minkejja li hija obbligata li tordna l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tonqos li tagħmel dan Dan in-nuqqas waħdu żgur li ma jwassalx għan-nullita' tad-deċiżjoni mogħtija. F'dan il-każ kieku ġie ntavolat appell mill-Avukat Ġenerali minħabba deċiżjoni żbaljata ta' l-Ewwel Qorti u ċioè li naqset li tordna l-konfiska tal-garanzija personali mogħtija mill-appellant una volta nstab ħati, din il-Qorti kienet tkun f'pożizzjoni li tindirizza dan l-iżball meta tiġi biex tagħti l-piena f'każ li issib lill-appellant ħati."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad fis-sentenza appena ċitata u tapplikah għal eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali bil-konsegwenza li tali eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu b'dan illi f'dan l-istadju għandu jingħad li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu minn din il-Qorti, il-konsulent legali tal-appellant għamel riferenza għal ġrieħi li ġew kkonstati, liema ġrieħi anqas biss ġew kontestati fir-Rikors tal-appell u anqas hemm aggravju dwarhom. Għal kull buon fini jingħad li permezz ta' Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2025 (liema Rikors ġie milqugħ dakinhar stess), l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex tinjora s-sottomissjonijiet bil-fomm li saru quddiemha fit-12 ta' Ġunju 2025.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li hu ma setax jinsab ħati tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni u lanqas tar-reċidiva. Jgħid li fit-tmien (8) imputazzjoni huwa ġie akkużat li

kiser il-liberta' proviżorja imposta fuqu mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit u jisħaq li fit-3 ta' Ottubru 2023 huwa kien ġie liberat mill-imputazzjonijiet li kienu dedotti kontra tiegħu f'dak il-każ. Jgħid li għalhekk ma jagħmilx sens li jsofri l-konsegwenzi ta' kundizzjonijiet imposti abbażi ta' proċeduri li nbdew mingħajr raġuni stante li huwa ġie eżonerat mill-imputazzjonijiet kollha. Ikompli li l-piena f'dan ir-rigward mhijiex aktar applikabbli minħabba li ma jistax jerġa jiġi arrestat u anqas li jkollu l-garanziji konfiskati stante li ma jkunux għadhom jeżistu.

Illi fir-rigward tad-disa' (9) imputazzjoni, l-appellant jgħid li minkejja huwa minnu li tressaq il-Qorti b'arrest fit-12 ta' Diċembru 2019 quddiem il-Maġistrat Dr. Victor Axiak u ngħata l-ħelsien mill-arrest skont il-kundizzjonijiet elenkati f'Dok. "EH 11" (*a fol.* 80), din il-kawża ġiet irtirata u dana ferm qabel is-17 ta' Settembru 2021 meta ġew kommessi l-allegati reati in diżamina.

Illi rigward ir-reċidiva, l-appellant jispjega li dan mhux addebitu iżda huwa reat *ut sic*. Ikompli li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx timputa ħtija fuq l-imputazzjoni ta' reċidiva minħabba li ma ngħatatx formalment. Jispjega li minn eżami tal-imputazzjonijiet jidher ċar li meta tressaq il-Qorti, huwa ma kienx akkużat bir-reat ta' reċidiva u dana minkejja li fl-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali ġew ċitati Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li l-Avukat Ġenerali ma setax jaqbad u jżied imputazzjonijiet li ma jkunux ingħataw sakemm ma jkunx hemm rinviju appożitu sabiex iżid l-imputazzjonijiet.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal dik il-parti tal-aggravju li tirrigwarda t-tmien (8) imputazzjoni fejn l-appellant jilmenta li ġie liberat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu quddiem il-Maġistrat Stafrace Zammit u li għalhekk ma għandux isofri konsegwenzi tal-ksur ta' kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu abbażi ta' proċess li minnu huwa ġie liberat. Mingħajr ebda tlaqlieq ta' xejn, din il-Qorti tgħid li ma taqbilx ma' dan u dana peress li l-kundizzjonijiet li jiġu imposti mill-Qrati għal liberta' proviżorja jridu jiġu

osservati **<u>kollha</u>** u dana peress li jiġu mposti mill-Qrati għal raġuni! Huwa irrilevanti jekk eventwalment il-persuna mixlija l-Qorti tiġi liberata mill-imputazzjonijiet u dana peress li ġialadarba l-proċeduri jkunu għadhom għaddejjin, il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għandhom jiġu osservati skruplożament. Dwar dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Farrugia** (Numru 95/2019), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "79. Kull kundizzjoni fid-digriet konċedenti l-benefiċċju tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest trid tiġi osservata skrupolożament, ad unguem, mingħajr tfettieq jew tiġbid żejjed. Il-ksur tal-obbligu ta' rinkażar huwa ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest bħal kull obbligu ieħor impost f'dak id-digriet. L-appellant kien jaf li kien marbut b'dawk l-obbligi u kien jaf li jrid josservahom bla tlaqlieq. Imma jidher li ddeċieda li jinjora l-obbligi li huwa għandu imposti fuqu u ġie jaqa' u jqum mill-ordni tal-Qorti li akkordatlu l-ħelsien mill-arrest. Huwa nstab barra mir-residenza tiegħu wara l-ħin stabbilit għall-skop ta' divertiment u dan bi ksur ta' żewġ digrieti konċedenti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.
>
> 80. Min ikun qiegħed jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest ma jistax jaqbad u jinjora l-kundizzjonijiet jew ibiddel il-kundizzjonijiet minn jeddu. Kull tibdil fil-kundizzjonijiet irid ikun mitlub lil, u konċess mill-Qorti bil-mezzi li tagħti l-Liġi u m'għandux ikun ir-riżultat ta' deċiżjoni kapriċċjuża tal-persuna marbuta b'tali ordni sempliċiment għax taqbżilha ċ-ċinga. […]"

Illi dwar dik il-parti tal-aggravju in eżami li tirrigwarda d-disa' (9) imputazzjoni, fejn l-appellant jgħid li din l-imputazzjoni ossia li kiser il-kundizzjonijiet għal ħelsien mill-arrest mogħtija mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak ma treġix minħabba li din il-proċedura ġiet irtirata qabel ma seħħ l-akkadut mertu ta' dawn il-proċeduri li dwarhom qed tingħata s-sentenza llum, din il-Qorti tinnota li ma tressqet l-ebda prova li l-proċeduri odjerni mibdija fit-12 ta'

Diċembru 2019 kienu ġew irtirati qabel l-appellant allura imputat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' din il-kawża. Għal kull buon fini jingħad li l-Uffiċjal Prosekutur tal-proċeduri mibdija fit-12 ta' Diċembru 2019 ossia s-Supretendent ġia Spettur Melvyn Camilleri xehed quddiem l-Ewwel Qorti fejn wara li ra d-digriet tal-ħelsien mill-arrest in kwistjoni (Dok. "EH 1" – *a fol.* 80) ossia dak tat-12 ta' Diċembru 2019 mogħti mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak, huwa qal li kien l-Uffiċjal Prosekutur f'dik il-kawża u li l-proċeduri kienu għadhom pendenti. Għal kull buon fini jingħad ukoll li minkejja li din il-Qorti rat il-kontenut ta' Dok. "AB 1" (*a fol.* 535), xejn ma jwassalha għal konkużjoni diversa.

Illi rigward dik il-parti tal-aggravju li torbot man-natura tar-reċidiva, din il-Qorti tgħid mal-ewwel li ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Winston-Joseph Gera et** (Numru 490/2017/1 u 490/2017/2), fejn din il-Qorti kif preseduta qalet hekk:

> "[…] Issa din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Zammit** (Numru 140/2013) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:
>
> > "8. L-appellant jgħid ukoll illi hemm nuqqas fatali wkoll għax l-Ewwel Qorti ma semmietx l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għalkemm sabet il-ħtija dwar ir-reċidiva. Hawn l-appellant m'għandux **raġun peress illi r-reċidiva mhux reat,** u l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar **"l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat"**. Naturalment, fejn si tratta ta' l-addebitu ta' reċidiva, ma jfissirx illi m'għandhomx jiġu ċċitati l-artikoli relattivi. Anzi din il-Qorti dejjem irriteniet illi anke f'dan il-każ għandhom jiġu ċitati. Mill-banda l-oħra

> n-nuqqas li jiġu ċitati ma jrendix is-sentenza nulla.""

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tar-reċidiva, din il-Qorti tinnota li minkejja li l-appellant jisħaq li minn eżami tal-imputazzjonijiet jidher ċar li meta tressaq il-Qorti huwa ma kienx akkużat bir-reat ta' reċidiva, dan huwa assolutament mhux minnu! Jidher biċ-ċar daqs il-kristall li fit-tieni paġna taċ-ċitazzjoni hemm imniżżel is-segwenti:

> "Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta lil **Bertram Zahra** bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx [**<u>recte</u>**: jistgħux] jiġu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

Illi b'hekk, tenut kont dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, isegwi li l-aggravju in eżami qed ikun miċħud *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jgħid li minkejja li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni tas-*Social Inquiry Report*, hija ddeċidiet li kienet prekluża milli tagħti sentenza sospiża minħabba r-reċidiva. Jisħaq li jekk din il-Qorti tilqa' dik il-parti tal-ewwel aggravju li tirrigwarda r-reċidiva, hija għandha tkun libera li tagħti sentenza sospiża. Jargumenta li jekk l-Ewwel Qorti ma taċċettax l-aggravju dwar is-sejbien ta' ħtija taħt it-tmien (8) imputazzjoni, hija għandha tikkunsidra li huwa ġie liberat f'dik il-kawża u għalhekk kellu jingħata l-anqas piena f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-appellant jargumenta li d-depożitu ġie rtirat u l-garanzija personali ma għadhiex teżisti bil-konsegwenza li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna l-konfiska parzjali tad-depożitu ta' sitt elef Euro (€6,000) jew l-arrest mill-ġdid tiegħu peress li m'hemm l-ebda proċeduri f'dan ir-rigward. Jgħid li r-reati in kwistjoni seħħew fi sfond ta' dipendenza mid-droga u għalhekk

saħaq li kien ser jitlob sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq u apparti l-fatt li jirriżulta li din il-Qorti ċaħdet l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, jirriżulta li din il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-appellant sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga wara li tali talba ġiet irtirata mill-istess appellant (*a fol.* 589 *et seq.*). B'żieda ma' dan, din il-Qorti tinnota li mill-fedina penali tal-appellant (Dok. "X" – *a fol.* 560 *et seq.*) jirriżulta li l-appellant kiser il-liġi diversi drabi u donnu ma jridx jidritta ħajtu tant li, fost l-oħrajn, fir-Rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* Ritianne Sultana Grech ta' ftit ġranet ilu, ossia tal-4 ta' Ġunju 2025, hija nfurmat lil din il-Qorti bis-segwenti (*a fol.* 626):

> "Mill-aħħar andament datat 9 ta' Mejju 2025 Bertram ingħata 2 appuntamenti permezz tal-mowbajl li kienu nhar id-9 ta' Mejju 2025 u nhar it-30 ta' Mejju 2025 fejn huwa naqas milli jattendi dawn l-appuntamenti, mingħajr ma provda raġuni valida. Għaldaqstant, minħabba n-nuqqas ta' attendenza s-superviżjoni mhux qiegħda ssir b'mod adegwat."

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti u meħud in konsiderazzjoni wkoll dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota li

l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud b'dan illi, wara li ħadet in konsiderazzjoni tad-depożizzjoni mogħtija mill-Assistent Reġistratur Stephania Calafato Testa quddiem din il-Qorti (*a fol.* 590a *et seq.*), tinnota li issa ma hemmx il-ħtieġa li l-appellant jiġi arrestat fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni u f'każ li l-proċeduri msemmija fid-disa' (9) imputazzjoni ma għadhomx fis-seħħ, l-appellant ma għandux jiġi arrestat mill-ġdid fir-rigward ta' din l-imputazzjoni wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Bertram Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda l-arrest mill-ġdid tal-appellant kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti. Din il-Qorti tordna li kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**